# Biż-żieda



TONI ABELA

M'hemm l-ebda dubju li l-Membri eletti fil-Parlamentari tagħna huma fost l-inqas imħallsin minn fost dawk tal-Istati fl-Unjoni Ewropea. Membri Parlamentari bħal dawk Taljani għandhom ħlasijiet u benefiċċji li jġibulek għajnejk wara widnejk. Għalhekk iż-żieda ta' €600 fix-xahar li qiegħdin nisimgħu li se jieħdu ma tagħmilx ġustizzja magħhom.

Jidher li dawn iż-żidiet kienu approvati fl-2008 meta skont il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, li għadu l-istess wieħed li għandna llum, ma kienx qed jilmaħ il-kriżi mondjali li għandna llum. Iżda bħal ħafna deċiżjonijiet li jitwettqu snin wara li jkunu ttieħdu, fi żminijiet meta kulħadd qed jiekol minn ġewwa, jekk ikollu x'jiekol, tħabbar li dik id-deċiżjoni se titwettaq issa.

Dak li hu ġust li jingħata qed jidher li hu inġust u dan minħabba l-insensittività u l-irresponsabbiltà ta' min ħa d-deċiżjoni li proprju jagħti din iż-żieda issa. Fil-mument li għadha kemm ingħatat żieda komika ta' €1.16 fil-ġimgħa għal bniedem komuni għax irridu nissikaw iċ-ċinturin, minn suppost jagħti eżempju qed jidher li jrid ikun ixxamplat. Dan hu l-mod kif qiegħdin iħarsu n-nies fit-triq lejn din l-aħbar u ma nagħtihomx tort.

Iżda mhux hekk biss.

Qiegħda ssir inġustizzja oħra. Ħafna qegħdin isemmu ż-żieda tal-Membri Parlamentari biss. Iżda l-proposta gravi hi din: li biex in-nies jikkonfondu żieda ma' oħra mhux qiegħdin isemmu ż-żieda li se jieħdu l-Ministri.

Is-salarju tagħhom kważi se jirdoppja. Se jibdew jirċievu dak li kellhom qabel meta kienu Ministri, flimkien mas-salarju ta' membru parlamenatri. Minbarra li hemm ukoll iż-żidiet li se jieħdu fuq żewġ bnadi, u jekk ma tridx, bl-arretrati kollha. Fl-istess nifs il-Gvern għadu kemm għamel baġit fejn mhux biss issikka ċ-ċinturin iżda naqqas bin-nofs l-ossiġnu mill-bomblu tan-nifs soċjali. Dan sar apposta.

Biż-żewġ żidiet, waħda differenti għal kollox mill-oħra, il-Gvern għamel bħal dak li mal-lejl daħal f'għalqa u żera' s-sikrana qalb il-qamħ. B'hekk ma nagħrfux żieda minn oħra.

Irid li n-nies jimmiraw lejn il-membri parlamentari u jaħbi ż-żieda ministerjali. Irid li jċajpar id-diskussjoni u għażel mument fejn kulħadd magħfus biex il-kundanna taqa' fuq kulħadd bl-istess mod u kulħadd jidher ikraħ.

Il-piż li qed jikkawża f'mument meta l-poplu ma jiflaħx għalih jitqal aktar meta niftakru li ftit taż-żmien ilu għadu kemm ħatar reġiment ta' assistenti parlamentari biex iħoll għoqda politika u mhux għax kellu bżonnhom. Dawn ukoll se jgawdu minn dawn iż-żidiet.

Jerġa' jiżdied il-piż għax anke d-69 sindku madwar Malta u Għawdex, li għandhom sa massimu ta' żewġ terzi tas-salarju ta' membru parlamentari, x'aktarx se jkollhom l-onorarja tagħhom tiżdied ukoll. Nagħmilha ċara li jekk din hi s-sitwazzjoni jien ma naqbilx li sindki Laburisti jaċċettaw din iż-żieda u għandhom jimxu fuq il-passi ta' Joseph Muscat, l-ewwel wieħed li ddikjara bla tlaqliq li se jirrifjuta €120,000 fuq medda ta' ħames snin. In-nies qegħdin iħarsu lejna u għandhom raġun.

Iżda niskanta kif joħorġu jitkellmu minn tal-ewwel dawk li suppost jinħbew. Pereżempju David Aguis kien pront ħareġ jgħidilna li ż-żieda hi tajba u f'waqtha. Li ma kienx għall-fatt li ngħixu f'Malta, Agius mhux biss mhux se jieħu żieda iżda lanqas għadu fil-Parlament wara li nqabad jikkoppja waqt eżami għal darba tnejn, f'okkażjoni minnhom meta kien membru parlamentari. Meta nisma' lil dawn jippriedkaw, aktar insaħħaħ fehmti fuq kemm il-mument ta' din iż-żieda hu ħażin.

Meta vapur ikun qed jegħreq, il-kaptan għandu kull raġun jgħid li ma jridx imut. Iżda dejjem nafha li jkun l-aħħar bniedem li jabbanduna l-vapur.

## Il-Punt

# Fastidju u fastidju sesswali: Fuq l-irġiel? Fuq in-nisa?



MARIA THERESA PORTELLI

Nisimgħu u nesperjenzaw ċirkostanzi fuq il-post tax-xogħol li jkunu diskriminatorji kemm għal ħaddiema rġiel kif ukoll nisa. Sitwazzjonijiet ta' fastidju u anke fastidju ta' natura sesswali jdejqu lill-persuni involuti u jħallu konsegwenzi mhux mixtieqa. X'forom ta' fastidju nistgħu niltaqgħu magħhom fuq il-post tax-xogħol? X'nistgħu nagħmlu meta aħna stess jew xi ħadd li nafu jkun għaddej minn sitwazzjonijiet simili?

**Carol* intimidata**

David*, manager ta' supermarket hu responsabbli għal grupp ta' ħaddiema, fosthom Carol, li kienet ilha taħdem f'dan is-supermarket minn sentejn qabel beda David. Ix-xogħol tagħha kien meqjus bħala sodisfaċenti mill-manager li kien hemm qabel David, imma David ħaseb li Carol mhix kapaċi għal dak ix-xogħol daqs l-irġiel li jaħdmu fl-istess dipartiment għax ħaseb li n-nisa m'humiex addattati għal dak ix-xogħol.

Kemm-il darba kien jaqbad ma' Carol u jgħajjarha u jgħajjat magħha u jgħidilha li hi mhux postha hemm għax hi mara. Carol kienet tħossha umiljata u intimidata imma David xorta kien jaqbad magħha għal kull ħaġa ta' xejn. Dan l-aġir baqa' għaddej għal aktar minn sena sakemm Carol spiċċat biex telqet minn dan is-supermarket.

**Dan huwa FASTIDJU**

Il-fastidju fuq bażi tas-sess isir meta jkun hemm imġiba mhux mixtieqa li jkollha x'taqsam mas-sess ta' persuna li ssir bl-iskop jew bl-effett li jikser id-dinjità tal-persuna. Din il-forma ta' fastidju toħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv. Bħalma rajna fil-każ ta' hawn fuq, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn persuna tgħajjat ma' xi ħadd ieħor, jew tgħajjar bl-intenzjoni li tiddegrada jew tumilja lill-persuna l-oħra.

**Joseph* imdejjaq b'kummenti sesswali**

Joseph, assistent amministrattiv, dan l-aħħar intbagħat minn dipartiment għal ieħor f'organizzazzjoni kbira ħafna. Is-supervisor tiegħu kull darba li tkellmu bdiet taqbadlu jdejh, tpoġġi jdejha madwar spallejh u tagħmel ġesti oħra.

Hu spjegalha li l-mod kif kienet qed taġixxi miegħu kien jagħmlu skomdu ħafna u talabha biex ma tibqax tagħmel hekk. Iżda xorta ma waqfitx, anzi żiedet tgħaddilu kummenti dwar l-esperjenzi personali tagħha mal-irġiel u kummenti espliċiti oħra. Joseph ma setax jissaporti aktar u talab li jintbagħat f'parti oħra tal-organizzazzjoni.

**Dan hu FASTIDJU SESSWALI**

Fastidju ta' natura sesswali ta' dan it-tip, li wkoll jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess, jaf idejjaq ħafna lil min jirċevih u jħalli konsegwenzi. Il-fastidju sesswali hu illegali u m'hemmx għalfejn ikun repetut jew kontinwu biex ikun kontra l-Liġi. Persuna għandha d-dritt li tressaq l-ilment tagħha minnufih quddiem l-awtoritajiet kompetenti mal-ewwel esperjenza li jkollha.

Il-fastidju sesswali jsir meta jkun hemm xi għamla ta' mġiba mhux mixtieqa, sew fiżika jew verbali, li tkun ta' natura sesswali bħal każijiet ta' kuntatt fiżiku mhux mixtieq, kummenti jew ċajt u insulti dwar is-sess tal-persuna. Mezzi moderni ta' komunikazzjoni jistgħu jkunu wkoll sors ta' fastidju sesswali, bħal ngħidu aħna, każi fejn persuna tibgħat emails jew SMS b'kontenut espliċitament ta' natura sesswali. Anke stampi, screen-savers u posters b'messaġġi sesswali jistgħu jikkawżaw fastidju sesswali.

Aġir ta' fastidju sesswali hu suġġettiv u jiddependi mill-mod kif il-persuna involuta tieħdu jew tilqgħu. Kull persuna tħares lejn forom diversi ta' aġir u tirreaġixxi għalihom b'mod differenti. L-istess aġir jista' jiġi interpretat bħala fastidju sesswali minn xi persuni waqt li persuni oħra jaħsbu li dan l-aġir mhux offensiv. Għalhekk anke ċajta b'konnotazzjoni sesswali tista' titqies bħala ċajta minn xi persuni, iżda fil-fatt persuni oħra jistgħu jsibuha offensiva u jikkunsidrawha bħala fastidju sesswali.

Każi ta' fastidju sesswali jġorru piena magħhom. kemm multa ta' mhux aktar minn €2,329 jew priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew inkella priġunerija u multa.

**X'nistgħu nagħmlu?**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) għandha l-awtorità li tilqa' u tinvestiga ilmenti ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u responsabbilitajiet tal-familja, għal każi ta' fastidju u ta' fastidju sesswali. L-ilmenti jridu jitressqu bil-miktub iżda l-NCPE toffri għajnuna mhux biss biex timtela l-formula tal-ilmenti iżda wkoll matul kull stadju tal-każ.

*Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE),*
*Gattard House,*
*Triq Nazzjonali,*
*Blata l-Bajda ĦMR 9010*

*Tel: 25903850*
*Email: equality@gov.mt*
*Web: www.equality.gov.mt*

**** L-ismijiet kollha wżati f'dan l-artiklu huma fittizji***